# Il-Ġawhar Tiegħi

Il-versi li wellidt fuq karta strazza
mhumiex għanjiet irħisa bla hsieb il-ħaqq,
lanqas huma noti ta' vjolin skordat
li ħarġu jwerżqu qabel prova tad-daqq.

Vrusi nħelsu minn qieħ qalbi titbaħbaħ
waqt taqbida ħarxa bejn baħar u riħ,
u nbeżqu ġawhar fin fuq blat il-midbaħ
itella duħħan wieqaf 'l fuq jistrieħ.

Vrusi nisġa perla perla f'hannieqa
li nilbes f'waqtiet ħiemda solitarji,
kull ġawhra tkanġi burdati baqbieqa
ifawwru lwien imħallta kollha varji.

Il-Ġawhar tiegħi għal minn jifhem taħbit
Il-qalb u l-eklissi tal-moħħ u ta' ruħ,
mhumiex għal ħniezer li jirfsu b'riġlejhom
il-qodos… imbaghad iduru iħaġġruħ. (Mt 7:6)

Raymond Grech
*25 Ta' Mejju 2004*
Tas-Sliema

Id-drittijiet kollha ta' din il-publikazzjoni qed jinzammu.
Copyright © 2004 Raymond Grech - Sliema. All rights reserved.